IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 40**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tnejn 14 ta' April 2014 fil-4.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A39**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A39 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-minuti ġew approvati. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A39

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A39** — Punti li joħorġu mill-Minuti A39

2.01 4.01 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li dan il-ħajt kien għadu ma ssewwiex peress li għadna qed niġbru l-istimi tal-ispiża. — Tiswija tal-ħajt tal-ġnien tal-bandli

**3.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

3.01 Ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni mill-membri.

**4.00 Affarijiet Oħra**

4.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech informa l-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv irċieva talba mill-Kumitat Ekoskola fejn qed jitolbuna sabiex jitwaħħlu *pelican lights*, jew isiru *zebra crossings* u *sleeping policemen* fiż-żona tal-pjazza tal-Baħrija. — Talba mill-Kumitat Ekoskola

KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

4.01.1 Il-Kumitat qabel mal-proposta tal-Kumitat Ekoskola u għaldaqstant ġie deċiż li ssir applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex isiru tliet zebra crossings hekk kif ġej:

Applikazzjoni għal *zebra crossings*

Waħda fi Triq is-Sajf ta' San Martin (viċin il-Misraħ)
Waħda fi Triq il-Karità
Waħda fi Triq il-Ġnien tan-Nigra

4.01.2 Is-Sur Paul Galea ppropona li napplikaw ukoll ma' Transport Malta sabiex issir 'speed camera' fit-triq prinċipali tal-Baħrija fil-parti ta' bejn Triq iċ-Ċens l-Iswed u Zahra House, Triq is-Sajf ta' San Martin. Il-Kumitat qabel.

Applikazzjoni għal *Speed Camera*

4.02 Is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li bħalissa l-Kunsill kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *patching* fl-*outskirts* mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jagħmel żona żona bil-mod sabiex ikopri ż-żoni kollha.

Xogħol ta' *patching*

4.03 Is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li l-Kunsill għamel xogħol ta' manutenzjoni bil-konkos f'tas-Sirena.

Xogħol ta' manutenzjoni bil-konkos

**5.00 Data tas-seduta li jmiss**

5.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2014 fil-4.45 pm

Aġġornament

5.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.10 pm

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**